**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 366/21 AL

A B

vs

C D

(MR Number 2189/2005)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti iżżewġet lill-intimat nhar id-19 ta' Jannar 2006 u miż-żwieġ tagħhom hemm żewġt itfal illum maġġorenni u jaħdmu; anness ċertifikat Dok A;

2. Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar il-11 ta' Diċembru 2020 (Dok. B anness);

3. Illi skont il-kuntratt hawn imsemmi, il-partijiet kienu irrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin;

4. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzzjoni, anke l-għaliex, illum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex huwa jirreġistra l-istess.

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Settembru, 2021;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Dicembru, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.